**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA10.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 21 ta' Jannar 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson* kien skużat għax kien imsiefer.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Jannar 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Offerti – Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.
4. Estimi Finanzjarji 2012.
5. Laqgħa tal-Lokalita' 2012.
6. Rapport taċ-*Chairperson*.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-membri.
10. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA09.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-proġett ta' tisbiħ tal-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina għadu ma ġiex approvat mill-MEPA. Fil-fatt, dawn talbuna li jsiru xi tibdiliet. Il-Perit Saliba u l-Perit Ivana Farrugia qed jieħdu ħsieb dawn it-tibdiliet. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li l-proġett jiġi konkluż sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012.

2.02 Il-proġett ta' *embellishment* ta' Triq il-Kantra ser jiġi ffinanzjat mill-Fond tal-UIF. Is-Segretarju Eżekuttiv kien diġa' bagħat l-applikazzjoni u anke' saret is-sejħa għall-offerti (MXR/004/2012). Din is-sejħa ser tagħlaq fil-15 ta' Frar 2012.

2.03 L-offerta ta' tisbiħ tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun għalqet fis-17 ta' Jannar 2012. Din ser tiġi ffinanzjata mill-Fond Eco-Gozo.

**3.00 Offerti – Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.**

3.01 L-offerti għalqu fis-17 ta' Jannar 2012. Dawn kienu l-offerti li ntefgħu:

Patrick/Dominic Refalo - €69,537.81
Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. - €55,573.51
J. Portelli Projects - €56,970.23

Il-Kumitat ser jitlob rapport tekniku dwar dawn it-tliet offerti sabiex tiġi kkonfermata l-orħos offerta.

**4.00 Estimi Finanzjarji 2012.**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2012. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2012 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ser tkun ta' €90,504. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €600. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €25,833. Qed isir estimu ta' €63,190 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni. Proġetti Speċjali hemm €2,020 (*Fairy Lights*).

**5.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2012.**

5.01 Skont l-artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), ġie deċiż li l-Laqgħa Pubblika Annwali għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir nhar l-Erbgħa, l-15 ta' Frar 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali ser ikunu mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kumitat matul l-2011. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**6.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

6.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li l-MEPA qed titlob li jsir studju u jitħejja rapport dwar il-*flora* u l-*fauna* li hemm fejn hemm propost li jsir il-*Cantilever Footpath* ta' Triq San Xmun.

6.02 Iċ-*Chairperson* fakkar lill-Kumitat dwar id-deċiżjoni sabiex isiru *fairy lights* fit-toroq tax-Xlendi. Peress li l-Kumitat qed jaħdem fuq il-*Budget* għas-Sena 2012, dawn għandhom jinxtraw mill-*budget*. Ġie deċiż li peress li dawn ser jiswew madwar €2,020 dan l-ammont għandu jittieħed mill-estimi ta' Attivitajiet Kulturali, mill-Manutenzjoni u mis-*Street Lighting*.

6.03 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li ġie avviċinat mill-KIP Għawdex Ltd. fejn informatu li ma kienux ser inaqqsu mill-istima li ngħatajna sabiex isir ġbir ta' skart domestiku fix-Xlendi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis għat-tliet xhur tas-Sajf. Ġie deċiż li l-Kumitat iħallas €50 għal kull ġabra għas-sena 2012, €55 għal kull ġabra għas-sena 2013 u €60 għal kull ġabra għas-sena 2014.

6.04 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-post fejn jinżammu d-dgħajjes jissemma l-Iskall tad-Dgħajjes filwaqt li dik l-*area* bejn tarf Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u Triq ir-Rabat tissemma Pjazza Sant' Indrija. Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku talab lill-Kumitat sabiex japprova żewġ bankini fix-Xlendi, waħda fi Triq il-Puniċi, quddiem Minolta Flats u oħra quddiem l-Istabbiliment ta' l-Ikel Iċ-Ċima. Kien hemm qbil dwar dan.

7.02 Is-Sindku kellu laqgħa ma' Uffiċjali tal-MEPA rigward l-applikazzjoni li saret dwar il-*Cantilever Footpath* fi Triq San Xmun. Huma qed jitolbu li jsir studju dwar il-*flora* u l-*fauna* tal-post. Peress li l-istima hija ogħla minn €1,164 il-Kumitat ser jippubblika sejħa għall-kwotazzjonijiet.

7.03 Peress li Triq San Xmun daqt ser tingħalaq peress li ser isir *tunnel* li ser jaqsam it-triq quddiem l-Istabbiliment ta' l-Ikel Il Terrazzo, l-Kumitat kellem lill-Works Division sabiex jinbidel il-ħadid tal-*water culverts*.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand resident fi Triq ir-Rumani u *e-mail* mingħand iċ-Chief Executive Officer tal-Gozo Tourism Association rigward kostruzzjoni ta' *culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq ir-Rumani u l-kisi ta' wiċċ it-triq. Ma' l-ittra ġie mehmuż ritratt tat-triq mimlija kollha ilma.
L-ispiża sabiex titranġa din it-triq ser tammonta għal €140,000 fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jikkontribwixxi għal 50% ta' din l-ispiża. Il-Kumitat ser jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jikkontribwixxi għal 50% l-oħra peress li din it-triq qatt ma ġiet asfaltata.

8.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Tourism Authority dwar proposta li saret minn Hotel Xlendi Resort & Spa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun.
Il-Kumitat ma jaqbilx ma' din il-proposta u fil-fatt xogħlijiet ta' tisbiħ ser jibdew fil-ġranet li ġejjin sabiex din l-*area* titgawda mill-pubbliku in ġenerali.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kumitat jekk għal din is-sena fix-xhur tas-Sajf huwa ser jitqabbad il-Kennies sabiex jiknes toroq mhux arterji fix-Xlendi. L-ispiża jekk ser jitħaddem mill-ġimgħa ta' l-Għid il-Kbir sa l-aħħar t' Ottubru ser tkun madwar €5,500. Kien hemm qbil dwar dan.

**9.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

9.01 Is-Sur Vincent Borg ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat rigward skart domestiku li qed jitpoġġa f' ħoġor it-tieqa ta' post mhux abitat fi Triq ir-Ranċis kantuniera ma' Triq ir-Rabat.
Ser jerġa' jiġi avviċinat sid il-post sabiex jagħlaq bil-folja ta' l-injam minn-naħa ta' barra.

9.02 Is-Sur Vincent Borg talab lill-Kumitat sabiex madum li nqala' bil-maltemp minn quddiem l-Istabbiliment ta' l-Ikel Churchill jerġa' jitwaħħal. Kien hemm qbil dwar dan.

9.03 Is-Sur Vincent Borg ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fil-Wied tal-Kantra hemm ħafna ħmieġ li jdaħħal il-maltemp. Huwa ssuġġerixxa li ssir talba lill-Beach Cleaners sabiex inaddfu dan il-post.

9.04 Is-Sur Michele Fenech Adami ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fil-bidu ta' Triq ir-Rabat hemm bozza maħruqa. Din ser tiġi rrapportata sabiex titranġa.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***